# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 620**

**It-Tlieta 25 ta' Novembru, 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Leone Sciberras – Kunsillier
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Toshera Schembri – Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 620.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

620.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech u mis-Sinjorina Toshera Schembri fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech u s-Sinjorina Toshera Schembri jkunu skużati.

## 620.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

620.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-minuti tas-619-il laqgħa ġew unanimament approvati.

## 620.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

620.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2026 kienet ser tkun tammonta għal €1,067,194 li tinkludi fond ta' €10,000, Fond għall-Belt Kapitali, Ex Belt Kapitali u Bliet u l-ammont ta' €93,306 bħala allokazzjoni tal-komunitajiet - St Peter.

620.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li St Patrick FC kienu talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi ppubblikat il-kalendarju għas-sena 2026. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li bil-kollaborazzjoni ma' St Patrick FC jiġi ppubblikat kalendarju għas-sena 2026, liema spiża tammonta għal €1,575 VAT inkluż.

620.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-korrispondenza mibgħuta mingħand Zabbar St. Patrick FC, li fiha tressqet it-talba sabiex jiġi organizzat *Street Football Tournament* għall-karità fil-5 *a side* grawnd fi Ġnien il-Kunsill matul ix-xahar ta' Diċembru. L-għan ewlieni tal-attività hu li tingħaqad il-komunità permezz tal-isport, jitħeġġu ż-żgħażagħ jipparteċipaw u jingabru fondi għall-Istrina 2026. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza *Street Foootball Tournament* bil-kollaborazzjoni ma' Zabbar St Patrick FC u joffri l-grawnd tal-5 *a side* mingħajr ebda ħlas bħala parti mis-sħubija u l-kollaborazzjoni.

620.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-korrispondenza mibgħuta mill-*Alive Charity Foundation*, organizzazzjoni mhux governattiva li tiffoka fuq il-finanzjament tar-riċerka kontra l-kanċer fl-Università ta' Malta, li fiha tresqet it-talba sabiex fit-30 ta' Novembru 2025 tiġi organizzata kompetizzjoni ta' *darts* ta' ġurnata waħda f'kollaborazzjoni mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel u mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar. Il-fondazzjoni talbu li l-attività ssir fis-Sala tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Leone Sciberras, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta li jikkollabora mal-fondazzjoni u joffri s-Sala tal-Kunsill għall-organizzazzjoni tal-avveniment.

620.3.5 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq iddiskuta l-proposta li tresqet mill-Kunsill sabiex parti minn Triq San Leonardu tinbidel u

tingħata l-isem ta' Triq il-Likk. Is-Sindku spjega li l-Kumitat approva din il-proposta.

620.3.6 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq li fiha ġew diskussi l-estensjonijiet ta' Triq Hompesch, Triq il-Lunzjata u Triq il-Kunvent. Is-Sindku spjega li skont l-istess komunikazzjoni, il-Kumitat osserva li Triq il-Lunzjata qatt ma ssemmiet uffiċjalment, filwaqt li talab kjarifika mill-Kunsill dwar l-estensjonijiet ta' Triq Hompesch u Triq il-Kunvent. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill, qabel unanimament li l-estensjoni minn Misraħ tal-Madonna Medjatriċi sa Triq il-Kbira għandha tkun Triq Hompesch, filwaqt li l-parti li testendi minn Triq il-Kbira sa Triq ix-Xgħajra għandha tkun Triq il-Kunvent.

620.3.7 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq li fiha l-Kumitat informa lill-Kunsill li ġew diskussi diversi talbiet biex jingħataw numri tal-bibien fi Triq iċ-Ċimiterju. Il-Kumitat irrimarka li, qabel ma jitwettaq dan l-eżerċizzju, hemm il-ħtieġa li tiġi rranġata l-estensjoni tat-triq u għal dan il-għan ippropona li l-parti viċin Triq is-Serer tingħata isem ġdid. Is-Sindku qal illi huwa ma kienx jaqbel li din il-parti tingħata isem ġdid. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk ir-residenti humiex infurmati dwar din it-talba. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jibgħat javża lill-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq, li l-Kumitat għandu jagħmel l-aġġornamenti meħtieġa fin-numri tal-bibien, iżda mingħajr ma jinbidel l-isem eżistenti tat-triq.

620.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar il-kwistjoni relatata mal-estensjoni ta' Triq il-Bikri, billi bħalissa f'din il-parti inkwistjoni r-residenti rreġistaw il-karta tal-identità tagħhom bħala Sqaq Palma. Dan peress li meta l-proprjetarju oriġinali biegħ l-appartamenti, dawn kienu mibjugħa taħt dan l-isem tat-triq. Is-Sindku spjega li billi t-triq hija parti mill-allinjament ta' Triq il-Bikri, ikun aktar xieraq u konsistenti li din il-porzjon tiġi rikonoxxuta u estiża b'mod uffiċjali bħala parti minn din it-triq. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jibgħat javża lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq b'din il-pożizzjoni sabiex Triq il-Bikri tiġi estiża kif maqbul.

620.3.9 Is-Sindku qal li wara li l-Kunsill kien kostrett jinterrompi l-kuntratt tat-tindif ta' toroq mhux urbani ZLC 3/2023, kienet tresqet talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tingħata konċessjoni għal *direct order* ta' tliet xhur, li kienet approvata mill-istess Dipartiment. Issa li dawn it-tliet xhur diġà għaddew, il-Kunsill jinsab fil-fażi finali tal-pubblikazzjoni tas-sejħa l-ġdida għall-offerti, iżda sakemm il-proċess kollu jitlesta u l-kuntratt jiġi komplut, hemm bżonn li terġa' ssir talba oħra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex tingħata konċessjoni oħra għal tliet xhur sabiex tiġi żgurata kontinwità tas-servizz. Sadanittant, il-Kunsill qed jipprova jindirizza parti mix-xogħlijiet permezz tal-ħaddiema tiegħu stess, iżda dan mhux biżżejjed minħabba n-natura estensiva tax-xogħlijiet u l-limitazzjoni ta' ħaddiema. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jagħti l-konċessjoni għal *direct order* skont il-Linji Gwida 3.2 sabiex is-Sur

David Grech inaddaf it-toroq kollha li hemm fil-kuntratt preżenti għall-prezz ta' €5,400 VAT eskluż, matul it-tlett xhur li ġejjin.

620.3.10 Is-Sindku rrefera għall-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti – Servizz ta' Toroq mhux urbani (ZLC 3/2025) u talab li jinħatru l-membri tal-Bord. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti Servizz ta' Toroq mhux urbani (ZLC 3/2025) għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Mario Fava, mis-Sur Brian Farrugia u mis-Sur Marco Cassar.

620.3.11 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Mitħna ta' Bir Għelliem tiġi proposta għar-restawr permezz ta' Miżura 1: *Improving the Environment of the Territory.* Is-Sur Carlo Scicluna fakkar li fil-passat il-Kunsill kien qabel li dan il-proġett jitwettaq permezz tal-*Planning Funds*, madankollu, is-Sindku spjega li billi nħarġet din il-miżura ġdida, il-Kunsill jista' jissottometti applikazzjoni sabiex il-proġett jiġi ffinanzjat permezz ta' fondi tal-Unjoni Ewropea. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk ir-residenti li jgħixu fil-mitħna kienux infurmati, b'mod partikolari minħabba l-possibbiltà ta' storbju mill-paletti tar-riħ. Is-Sindku kkonferma li kien diġà kellimhom u li dawn qablu mal-proġett propost. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li taħt Miżura 1, tiġi sottomessa applikazzjoni għall-bini mill-ġdid tal-makkinarju tal-paletti tar-riħ tal-Mitħna ta' Bir Għelliem.

620.3.12 Bħala parti mill-proċeduri amministrattivi tal-*Community Work Scheme Enterprise Foundation*, il-Kunsill ġie mitlub japprova minn issa l-ħlas tal-*performance bonus* tal-impjegati tagħhom sabiex ikunu jistgħu jirċievuh flimkien mas-salarju ta' Diċembru. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-*performance bonus* annwali għas-sena 2025 tal-impjegati kollha tal-*Community Work Scheme Enterprise Foundation.*

620.3.13 Is-Sindku rrefera għad-depożitu fiss li l-Kunsill għandu mal-*APS Bank* u li wasal biex jiġġedded. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li d-depożitu fiss jiġġedded għal perjodu ta' sena oħra addizjonali, u li l-ammont marbut għandu jkun ta' €300,000.

620.3.14 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar it-tħassib espress mill-ġenituri tal-iskola St Angela fi Triq il-Kbira minħabba l-periklu li qed jinħoloq matul il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola. Is-Sindku spjega li minħabba n-nuqqas ta' parkeġġ tul in-naħa tal-iskola, il-vannijiet huma kostretti jipparkjaw man-naħa tat-triq u jifthu l-bibien lejn il-karreġġjata, u b'hekk jiżdied ir-riskju għas-sigurtà tat-tfal iż-żgħar. Is-Sindku rrimarka li waqt laqgħa mal-pulizija tal-komunità ġiet eżaminata l-possibilità li jinqaleb il-parkeġġ fis-sezzjoni bejn Triq Hompesch u Sqaq il-Wied u jinħolqu żewġ *alighting bays* quddiem l-iskola biex jintużaw mill-vannijiet fil-ħinijiet tal-iskola. Is-Sindku qal li minkejja li inizjalment kien hemm qbil mas-superjur tal-Mużew tas-Subien dwar il-qlib tal-parkeġġ, aktar tard is-superjur rtira l-kunsens tiegħu billi sostna li l-miżura setgħet toħloq periklu lit-tfal tal-mużew. Is-Sindku kjarifika li t-tfal tal-mużew huma akbar fl-età minn dawk tal-iskola St Angela u li, bħala miżura ta' mitigazzjoni, kien ser jiġi installat *railing* itwal quddiem il-binja tal-mużew sabiex it-tfal jinżammu fuq il-bankina. Is-Sur Carlo Scicluna qal li

s-Superjur kellu raġun u li fil-fehma tiegħu dejjem se jibqa' ikun hemm livell ta' riskju għal min ikollu jaqsam it-triq. Is-Sinjura Anna Calleja żiedet tgħid li l-ġenituri kienu talbu l-preżenza tal-pulizija fil-ħruġ tat-tfal mill-iskola. Is-Sindku spjega li dan ma kienx vijabbli minħabba l-ispiża li l-iskola ma setgħetx tħallas, kif ukoll minħabba t-toroq magħluqin relatati mal-iskejjel tal-istat fil-viċinanzi. Is-Sindku żied jgħid li kienet ser tiġi studjata wkoll il-possibbiltà li tinħoloq *road hump* biex il-vetturi jnaqqsu l-veloċità tagħhom f'din iż-żona. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob il-permess ta' Transport Malta sabiex il-parkeġġ jinqaleb kif propost u jsiru żewġ *alighting bays* quddiem l-iskola St Angela.

620.3.15 Is-Sindku spjega li minn Misraħ San Ġakbu sal-kappella ta' Santa Marija, it-triq hija *two-way*, dejqa u mingħajr bankini u r-residenti ilhom jilmentaw li qed isir parkeġġ quddiem l-entraturi tagħhom stess, b'mod li ħafna drabi ma jistgħux joħorġu mid-djar. Minkejja li r-residenti kienu talbu li jsiru sinjali taż-żebgħa biex titjieb is-sitwazzjoni, il-vetturi xorta waħda baqgħu jipparkjaw b'mod li jostakolawlhom l-aċċess għal djarhom. Is-Sindku rrimarka li kien tkellem mal-pulizija tal-komunità, li rrakkomandaw li minn Misraħ San Ġakbu sal-i*stop sign* ta' Triq San Ġużepp għandha tiġi kkunsidrata li ssir linja bajda kontinwa, jew linji doppji sofor, jew inkella żona mingħajr waqfien peress li bil-vetturi pparkjati t-triq tidjieq aktar u ma jgħaddux żewġ karozzi bil-konsegwenza li jinħoloq periklu. Is-Sindku spjega li kien hemm ukoll każ fejn trakk tal-iskart ġibed ġenb ta' karozza minħabba li kien hemm il-vetturi pparkjati. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob il-parir tekniku ta' Transport Malta sabiex jiddeċiedu x'inhi l-aktar miżura xierqa għal din il-parti tat-triq, jiġifieri jekk għandhiex tiġi ntrodotta linja bajda kontinwa, linji doppji sofor, jew żona mingħajr waqfien.

620.3.16 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kellu laqgħa ma' rappreżentanti ta' Infrastruttura Malta dwar ix-xogħlijiet infrastrutturali li se jsiru fi Triq Lia mill-Gvern Ċentrali, u spjega li l-kuntrattur għal dan il-proġett diġà ġie magħżul u mistenni jibda x-xogħol fil-futur qarib. Is-Sindku żied jgħid li fir-rigward tax-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq Santa Duminka, għadu għaddej il-proċess tal-għażla tal-kuntrattur sabiex ikun jista' jibda dan il-proġett ukoll. Dwar it-tinda ta' Triq Santa Duminka, is-Sindku spjega li kien għaddej ukoll il-koordinament mal-entitajiet ikkonċernati biex din tiġi rranġata.

620.3.17 Is-Sindku qal li jekk ikun hemm biżżejjed fondi disponibbli mill-iskema tal-LESA, il-Kunsill għandu l-intenzjoni li jinstalla CCTV fi Triq il-Kbira, fil-viċinanzi ta' Sqaq San Mikiel, kif ukoll f'Misraħ is-Sliem faċċata tal-każin tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, minħabba l-problema ta' rimi ta' skart fil-kantunieri baqgħet tippersisti. Is-Sur Carlo Scicluna qal li l-istess problema ta' abbandun ta' skart fil-kantuniera ta' Sqaq Sidtna tal-Mirakli għandha tiġi ndirizzata wkoll.

620.3.18 Is-Sindku nforma lill-membri li permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun Port saru diversi interventi ta' manutenzjoni fil-lokalità, fosthom irranġar tal-gradi tal-entraturi tal-bandli ta' Ġnien il-Kunsill u Ġnien Tamara Psaila, il-manifattura tal-arblu tal-ħadid għas-siġra tal-Milied, kif ukoll l-installazzjoni ta' *railing* tal-ħadid fi Sqaq Nofsinhar. Is-Sur Joseph Buttigieg fakkar li l-ħaddiema tar-Reġjun kellhom ukoll

jirrangaw il-bankina fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sindku spjega li l-grupp ta' ħaddiema li kien delegat f'Ħaż-Żabbar matul ix-xahar ta' Novembru kien il-grupp speċjalizzat f'xogħlijiet tal-ħadid, filwaqt li l-grupp li jwettaq xogħol ta' manutenzjoni tal-bankini huwa mistenni jasal f'Ħaż-Żabbar fi Frar tas-sena d-dieħla.

620.3.19 Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-aġġornamenti relatati ma' diversi proġetti fil-lokalità, fosthom ir-restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-ħajt taċ-Ċimiterju. Is-Sindku spjega li qed isiru s-sottomissjonijiet relatati mal-*Commencement Notice*, sabiex ix-xogħol ikun jista' jibda formalment skont ir-regolamenti applikabbli. Is-Sindku rrefera wkoll għall-MOU li ġie ffirmat mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex jiġi nstallat id-dawl fi Ġnien il-Mistrieħ u spjega li x-xogħlijiet huma mistennija jibdew dalwaqt. Dwar Ġnien Tamara Psaila, is-Sindku qal li qed isiru diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni, fosthom l-installazzjoni tan-*netting* mad-dawra tal-*football pitch*, li mistennija titlesta matul il-ġimgħa li ġejja. Barra minn hekk, il-Kunsill ordna ż-żurżieqa u bandla minħabba li kienu mkissra, bil-ħsieb li dawn jitwaħħlu sa tmiem is-sena. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm il-ħsieb li jitħawwlu qsari fil-ħamrija li tinsab mad-dawra tal-ġnien.

620.3.20 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-applikazzjoni għall-proġett ta' dar għall-anzjani li ser tinbena minflok Dar Sagra Familja ġiet sottomessa u li fil-futur qarib mistennija tinħareġ sejħa ta' interess għall-iżvilupp. Is-Sindku rrefera wkoll għall-proġett separat ta' dar għall-anzjani fi Triq Wied il-Għajn, f'żona barra l-iżvilupp tal-bini, li l-Kunsill kien qabel li jissottometti oġġezzjoni. Dwar l-applikazzjoni għal dar tal-anzjani oħra f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, biswit Dar Sagra Familja u l-Knisja, is-Sindku fakkar li l-ewwel proposta kienet għal binja ta' seba' sulari, li l-Kunsill kien issottometta oġġezzjoni għaliha minħabba li l-għoli kien ser jinqabeż l-bini tal-knisja u dak tal-madwar. Wara diversi laqgħat mal-Awtorità tal-Ippjanar, l-iżviluppaturi bidlu l-applikazzjoni u saret proposta għal binja ta' dar tal-anzjani għal ħames sulari minflok seba' (PA/016217/24). Is-Sindku spjega li minkejja dan, il-ħames sulari xorta waħda huma ogħla mill-bini tal-knisja, mill-binjiet tal-madwar, minn Dar Sagra Familja u minn Sala Notre Dame, għalhekk qal li din il-binja ser tiġi super imponenti fuq il-pjazza. Barra minn hekk, il-*policy* tad-djar tal-anzjani tippermetti żewġ sulari addizzjonali fuq l-għoli approvat, li jfisser li l-iżviluppatur xorta jista' jasal għal seba' sulari. Is-Sindku qal li l-permess PA/016217/24 ġie approvat illum mill-Kummissjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar minkejja li kien hemm 50 oġġezzjoni oħra, u qal li kien qed jistenna li l-applikazzjoni titla' quddiem il-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar, fejn il-Kunsill mhux biss ikun jista' joġġezzjona iżda jkollu wkoll dritt ta' vot, bħalma ser isir fil-proġett tal-krematorju. Is-Sindku qal li l-Kunsill għamel l-oġġezzjonijiet tiegħu flimkien mal-Perit Nathaniel Sammut. Dawn l-oġġezzjonijiet ġew eżaminati mill-Awtorità tal-Ippjanar, iżda minkejja li l-Kunsill ġibed l-attenzjoni dwar diversi punti essenzjali, dawn ma ġewx ikkunsidrati, fosthom il-ħtieġa li jitneħħew madwar 13-il parkeġġ minn Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u minn Triq Ġanni Bonavia biex jinħolqu spazji ta' parkeġġ għall-użu tad-dar tal-anzjani. Is-Sindku żied jgħid li l-applikazzjoni tinkludi 18-il spazju ta' parkeġġ taħt l-art biss għal dar b'73 sodda, li mhuwiex biżżejjed meta jitqiesu tobba, *nurses*, *carers* u viżitaturi. Il-garaxx innifsu m'huwiex kbir biżżejjed biex jidħlu l-vannijiet tal-*laundry* jew karozza tal-mejtin. L-aċċess tad-dħul u l-ħruġ għall-garaxx huwa *one-way* u jista' joħloq konġestjoni għat-traffiku. Is-Sindku rrimarka wkoll li l-pjanti aġġornati tal-iżviluppatur ġew

sottomessi dakinhar stess tal-approvazzjoni u ma kinux aċċessibbli fuq il-pjattaforma tal-*EAPPS*. Il-Perit tal-Kunsill kien irrimarka li minħabba f'hekk huwa ma kienx f'pożizzjoni jivvalutahom. Barra minn hekk, waqt il-laqgħa kien hemm biss żewġ membri fil-kummissjoni minflok tlieta kif suppost. Is-Sindku spjega li wara li ħarġet id-deċiżjoni, l-iżviluppatur ikkuntattjah. Is-Sindku qal li l-iżviluppatur kien ikkuntattjah mhux biex jiddiskuti l-oġġezzjonijiet, iżda biex jakkwista l-firma tiegħu bħala Sindku fuq id-dokumenti meħtieġa sabiex jiġu sottomessi lil Transport Malta għall-proċess ta' tneħħija tal-parkeġġi li ser ikunu meħtieġa. Is-Sindku qal li l-laqgħa mal-iżviluppatur kellha issir qabel l-approvazzjoni tal-permess u mhux wara. Is-Sindku għalhekk qal li l-Kunsill għandu jappella d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar biex jipproteġi l-interess tal-lokalità u tar-residenti, minħabba l-għoli żejjed tal-binja li ser tkun ta' detriment qawwi fuq il-karatteristika li tgawdi l-istess knisja fuq l-isbaħ triq ta' Malta, in-nuqqas ta' parkeġġ adegwat, il-konġestjoni potenzjali u l-fatt li dan il-proġett mhux sostenibbli. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jimxi bil-proċess tal-appell. Is-Sindku talab li l-Perit Nathaniel Sammut ikompli fuq dan il-każ minkejja li l-kuntratt tax-xogħol tiegħu kien skada. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tintalab kwotazzjoni biex ikompli jassisti fil-proċess tal-appell. Is-Sindku żied jgħid li hemm il-probabilità li jkun hemm bżonn ukoll tas-servizzi ta' avukat legali għal dan l-appell.

**620.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

620.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Ottubru 2025 u l-25 ta' Novembru 2025 li kienet tammonta għal €114,093.99.

**620.5 Abbozz Estimi Annwali 2026**

620.5.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-abbozz tal-estimi annwali 2026.

**620.6 Deċiżjoni dwar il-kuntratti:**

- **Tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ (ZLC3/2024R)**

620.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kuntrattur iffirma l-kuntratt u nbeda l-proċess sabiex il-*Planning Authority* taġġorna ukoll il-kuntratt tal-*Planning Funds*. Sadanittant, il-kuntrattur ġie mitlub jipprovdi d-dokumenti meħtieġa għall-*Commencement Notice*, sabiex hekk kif il-Kunsill jirċievi l-ftehim il-ġdid tal-*Planning Funds*, ikun jista' jissottometti n-notifika minnufih. Madankollu, minkejja diversi tentattivi permezz ta' telefonati u *emails*, il-kuntrattur għadu ma pprovdiex id-dokumenti mitluba. Fl-istess waqt, il-kuntratt għat-tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ ser jiskadi fil-11 ta' Diċembru, 2025 u għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk għandux iġġedded għal ħames xhur mid-data li jiġi ffirmat il-ftehim il-ġdid tal-*Planning Funds*. Is-Sindku informa lill-membri li kien tkellem personalment mal-kuntrattur, li assigurah li d-dokumenti ser jiġu pprovduti fil-ġimgħat li ġejjin. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-kuntratt għal ħames xhur mid-data tal-firma tal-ftehim mal-*Planning Authority* relatat mal-*Planning Funds*.

## 620.7 Jum Ħaż-Żabbar - Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr

### Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar

620.7.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li japprova n-nominazzjonijiet fil-lista annessa u li jingħataw żewġ Ġieħ Ħaż-Żabbar.

### Ċertifikat ta' Ħajr

620.7.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien irċieva nomina waħda għaċ-Ċertifikat ta' Ħajr, iżda minħabba ċirkostanzi li nħolqu ma kellux il-ħin jaħdem fuq l-għażla ta' min għandu jirċievi ċ-ċertifikati. Għaldaqstant is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex wara li jħejji il-lista tan-nominazzjonijiet, din tiġi ċċirkolata permezz ta' *email*, u li l-ismijiet inklużi f'din il-lista jkunu meqjusa bħala finali u approvata mill-membri tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku jibgħat il-lista tan-nominazzjonijiet permezz ta' *email* u li din titqies approvata. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li din il-lista tintbagħat fl-iqsar żmien possibbli minħabba li Jum Ħaż-Żabbar jinvolvi numru ta' preparamenti amministrattivi li jeħtieġu ħin adegwat biex jitlestew.

## 620.8 Deċiżjoni dwar self bankarju għax-xiri tat-Teatru

620.8.1 Fis-7.18 ta' filgħaxija il-laqgħa ġiet sospiża fi stadju ta' kumitat.

620.8.2 Fis-7.30 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

620.8.3 Is-Sindku rrefera għall-qbil preċedenti tal-Kunsill dwar ix-xiri tat-Teatru li jinsab fi Triq Hompesch u spjega li, wara studju u analiżi dettaljata dwar il-finanzjament possibbli ta' dan ix-xiri, il-Kunsill jinsab issa f'pożizzjoni li jaf eżatt kif jista' jimxi 'l quddiem. Is-Sindku ċċara li x-xiri tal-proprjetà ma jistax isir permezz tal-*planning funds* jew permezz ta' skemi tal-Gvern Ċentrali, għalkemm dawn jistgħu jintużaw aktar 'il quddiem għal xogħol ta' restawr. Is-Sindku spjega li ġie kkunsidrat ukoll li l-Kunsill jissellef il-fondi mingħand bank lokali fuq perjodu ta' ħmistax-il sena. Saret ukoll laqgħa formali mal-bank dwar dan; iżda wara li tqabbel l-ammont sostanzjali ta' imgħax u pagamenti fix-xahar li kien ikun hemm bżonn jitħallsu, irriżulta li jkun ferm aktar vantaġġuż li jintużaw flus mir-riservi tal-Kunsill milli li l-Kunsill jintrabat b'obbligi finanzjarji fuq perjodu twil. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet għall-ispjegazzjoni dwar l-użu ppjanat ta' dan it-teatru u s-Sindku kkonferma li l-interess ewlieni tal-Kunsill huwa li jissalvagwardja l-aħħar Teatru li għad fadal fil-lokalità, li kien fil-periklu li jintilef u li jerġa' jġibu lura biex jintuża bħala Teatru u bħala sala għal diversi attivitajiet li l-Kunsill jista' jorganizza. Is-Sindku spjega li dan it-teatru jista' jintuża bħala *Day Centre*, jintuża għal attivitajiet tat-tfal tal-iskola, mill-għaqdiet tal-lokalità, għaqdiet kulturali u sportivi, b'użu wiesa' li jindirizza l-ħtiġijiet tal-komunità. Is-Sur Joseph Buttigieg irrimarka li dan l-użu għandu jkun bi ħlas. Is-Sindku qal li kemm il-darba l-Kunsill jakkwista dan it-teatru, ser jinbeda l-proċess sabiex issir *bye law* għall-użu ta' dan it-teatru bħal *bye*

*laws* l-oħrajn eżistenti li għandu l-Kunsill. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill ħadimx kemm seta' jieħu imgħax minn dawn il-flus kieku baqgħu investiti. Is-Sindku nfurmah li dawn il-flus li l-Kunsill ser juża biex jixtri t-teatru ma kienux flus marbuta u għaldaqstant fil-preżent il-Kunsill ma kien qed jieħu l-ebda nterressi minnhom. Is-Sindku nfurmah li fil-passat il-bank kien qed iżomm tariffi għoljin lill-Kunsill talli kellu ammont ta' flus sostanzjali fil-kont u kien għalhekk li l-Kunsill kien fetaħ il-kontijiet mal-APS u nvesta l-flus. Is-Sindku qal li x-xiri ta' proprjetà huwa għaqal, investiment u l-Kunsill kien ser jagħti rigal lura lil-lokalità għal aktar servizzi ġodda li jistgħu jingħataw f'dan l-ispazju. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob il-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali skond il-linji gwida 3.5, biex il-Kunsill jingħata konċessjoni ta' *Direct Order* sabiex jinnegozja u jixtri it-teatru li hemm għall-bejgħ fi Triq Hompesch għall-prezz ta' €620,000 direttament mingħand is-sidien.

**620.9 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

620.9.1 Ma kienx hemm talbiet għal rimbors.

**620.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

620.10.1 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lis-Sindku li s-Surmast tal-Kulleġġ Santa Margerita Skola B kien ikkuntattjah biex jgħidlu li xtaq jitkellem personalment mas-Sindku rigward attività bir-roti li l-iskola qed tikkunsidra torganizza u li tista' tinvolvi l-għeluq ta' xi toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-Sur Buttigieg li s-Surmast għandu japplika għall-permessi meħtieġa permezz tas-sistema elettronika tal-permessi. Is-Sur Buttigieg talab lis-Sindku biex jikkuntattjah direttament.

620.10.2 Is-Sur Buttigieg ressaq ilment li kien irċieva mingħand il-Kulleġġ Santa Margerita Skola A, fejn ġie rrappurtat li ż-żebgħa li hemm fuq il-bankina quddiem l-entratura tal-iskola kienet tiżloq meta tagħmel ix-xita. Is-Sindku spjega li ż-żebgħa li ntużat hija żebgħa speċjalizzata għall-marki fit-triq, li hija ddisinjata biex tiflaħ il-kundizzjonijiet tat-toroq u mhux żebgħa ordinarja. Is-Sindku żied jgħid li l-bankina hija magħmula minn konsos b'finitura *brushed* u li l-istess żebgħa kienet intużat quddiem il-Kulleġġ Santa Margerita Skola B mingħajr ma qatt ġew irrappurtati problemi simili. Is-Sindku qal li s-Surmast kienet diġà nfurmatu dwar din il-kwistjoni u, għall-benefiċċju tas-sigurtà ser isir *tape* biex jonqos kull riskju. Is-Sur Buttigieg qal li t-tfal ta' Skola A huma iżgħar fl-età u għalhekk jistgħu jkunu aktar vulnerabbli.

620.10.3 Is-Sinjura Anna Calleja resqet ilment li rċeviet mingħand diversi residenti li joqgħodu fi Triq il-Kappar, li qed jesprimu tħassib minħabba li t-triq fuq *Google Maps* tidher b'mod ħażin bħala Triq San Anard. Is-Sindku fakkar li din il-kwistjoni kienet diġà ġiet diskussa bosta drabi, iżda minkejja l-isforzi magħmula ma nkisbet ebda soluzzjoni. Is-Sinjura Calleja insistiet li l-indirizz għandu jiġi kkoreġut minn *Google Maps*, billi r-residenti qed jibżgħu li f'każ ta' emerġenza, ambulanza ma ssibx it-triq. Is-Sindku spjega li s-servizz tal-emerġenza ma jużax *Google Maps* iżda juża sistema apposta li tidentifika l-indirizzi b'mod preċiż.

620.10.4 Is-Sinjura Anna Calleja resqet talba mingħand grupp ta' presepisti li qed jippjanaw li jorganizzaw esebizzjoni tal-presepji barra minn Malta u staqsiet jekk din l-esebizzjoni tistax tkun organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku talab lis-Sinjura Calleja tinfurmahom biex jikkuntattjaw direttament lill-Kunsill, peress li bħalissa hemm miżura tal-Unjoni Ewropea li permezz tagħha jistgħu jibbenefikaw minn fondi li jappoġġaw inizjattivi kulturali bħal dawn.

620.10.5 Is-Sur Leone Sciberras talab lis-Sindku sabiex jagħtih aġġornament dwar l-iskema SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament: Komunitajiet Aktar b'Saħħithom u ta' Kwalità. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali permezz tad-Direttorat għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni tal-Politika, għadha għaddejja bil-proċess ta' evalwazzjoni tal-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill.

620.10.6 Is-Sur Carlo Scicluna talab li titpoġġa tabella ta' *No U-Turn* quddiem il-*ground* ta' *St Patrick FC* fil-viċinanzi ta' Bieb is-Sultan, minħabba li bosta vetturi qed jagħmlu manuvra ta' *U-turn* f'dan il-punt minflok iduru mar-*roundabout* u dan qed joħloq periklu għas-sewwieqa u għall-pubbliku.

620.10.7 Il-Kaptan Patrick Barbara talab aġġornament dwar iż-*zebra crossing* li kellha ssir fi Triq tal-Labour ħdejn il-ħanut tal-pastizzi. Is-Sindku qal li l-ħaddiema tar-Reġjun Port huma skedati jiġu Ħaż-Żabbar fi Frar li ġej sabiex iwettqu x-xogħlijiet meħtieġa.

620.10.8 Is-Sur Joseph Agius talab li jsir infurzar minħabba li f'kantuniera bejn Triq San Ġużepp u Triq Nikol Biancardi vetturi kienu qed jipparkjaw ħażin u joħolqu ostaklu għall-vetturi li jgħaddu. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jipproċedi biex japplika għall-marki tal-karreġġjata meħtieġa sabiex tiġi ndirizzata s-sitwazzjoni.

620.10.9 Is-Sur Joseph Agius talab li tinbena kurduna madwar is-siġar li jinsabu tul il-*green wall* fi Triq Santa Tereża.

620.10.10 Is-Sur Joseph Agius informa lill-membri preżenti li matul l-2026 ir-Reġjun Port ser ikun ir-Reġjun tal-Kultura u staqsa jekk il-Kunsill hux ser jorganizza xi attivitajiet f'dan il-kuntest. Is-Sindku qal li l-attivitajiet kulturali se jiġu organizzati mir-Reġjun, filwaqt li l-Kunsill se jipparteċipa u jikkollabora skont il-ħtieġa. Is-Sindku żied jgħid li l-fondi ser ikunu amministrati mir-Reġjun u li ser ikun hemm koordinatur imqabbad mir-Reġjun sabiex jikkordina l-attivitajiet mal-Kunsilli.

620.10.11 Is-Sur Carlo Scicluna talab aġġornament dwar l-attività tal-Milied li ser issir fil-lokalità. Is-Sindku spjega li l-programm għall-attivitajiet qed jiġi finalizzat iżda d-diffikultà prinċipali kienet relatata mal-għażla tal-fornituri, peress li f'Diċembru ħafna lokalitajiet oħra jkunu qed jorganizzaw attivitajiet simili u b'hekk is-servizzi jkunu aktar limitati. Is-Sur Scicluna staqsa wkoll dwar id-data tal-mixgħela tad-dwal tal-Milied u s-Sindku kkonferma li l-mixgħela ser issir fis-6 ta' Diċembru 2025.

620.10.12 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li tinżabar is-siġra li hemm fi Ġnien il-Kunsill maġenb it-Teatru Grieg.

**620.11 Mozzjonijiet**

620.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**620.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

620.12.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 22 ta' Diċembru, 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

620.12.2 Il-laqgħa spiċċat fis-8.00 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-621 laqgħa li saret nhar it- Tnejn 22 ta' Diċembru, 2025.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku